MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 13a

26 ta' Mejju 2025

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 13 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn, 26 ta' Mejju 2025 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku G. Micallef.

## Minuti

1.1. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar talbet li l-minuta 2.10.4. tas-seduta numru 12 tinqara kif ġej:

"Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar infurmat lill-Kunsill li fil-passat kienet għamlet kuntatt mac-CEO tal-Mellieħa Holiday Complex sabiex isir proġett ta' tħawwil ta' siġar f'dan is-sit. Il-proġett ġie rrifjutat għaliex is-sit in kwistjoni kien ġie mogħti lilhom b'encroachment peress li hemm għaddej it-tunnel li mil-lukanda tagħhom jagħti għall-bajja tal-Għadira. Hi issuġġerit li qabel ma jibda xi tip ta' intervent fuq is-sit fil-bajja tal-Għadira, isir kuntatt mal-Management tal-Mellieħa Holiday Centre."

1.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar talbet kjarifika dwar il-minuta 5.43.2 dwar is-Servizz ta' Night Shelter fil-Mellieħa peress li dan sa qabel il-pandemija Covid-19 kien miftuħ u kien jintuża. Is-Sindku G. Micallef spjega li fil-fatt wara l-pandemija ma kienx hemm interess jew talbiet mir-residenti għal dan is-servizz. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li jista' jagħti l-każ li ma kienx qed ikun hemm applikazzjonijiet peress li r-residenti kienu jafu li hu magħluq.

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru.12 li saret fis-26 ta' Mejju 2025 ġew approvati mingħar aktar korrezzjonijiet.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

**2.1.1. Tiġdid tal-Karti tal-Identità (M/6/Vol V)**

2.1.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li t-tiġdid tal-Karta tal-Identità lil dawk il-persuni eleġibbli u li rreġistraw isimhom għax il-Karta tal-Identità tagħhom tiskadi f'Ġunju 2025, ser isir bejn nhar it-Tnejn 2 u l-Ġimgħa 6 ta' Ġunju 2025 fl-uffiċċju tal-Kunsill.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.2.1. Korsijiet tal-Kompjuter fis-Sala tal-Kunsill (E/3/1/9 Vol VI)**

2.2.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li bħalma sar fis-snin preċedenti, hija x-xewqa tal-Kunsill li matul is-sajf li ġej il-Kunsill jerġa' jorganizza l-kors tal-kompjuter 'Innovative Computer Course for Children' li qed toffri l-kumpanija TCTC.

2.2.3. Madanakollu, il-Kunsilliera L. Darmanin staqsiet li peress li l-kompjuters li kien hemm fis-sala tal-Kunsill tneħħew sabiex seta' jsir ix-xogħol ta' titjib fiha, hemm il-ħtieġa li TCTC Ltd li dejjem ipprovdew il-kompjuters, terġa' iġġibhom u tarmahom fis-sala.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti iżda kien tal-idea li jiġi esplorat l-ħsieb li minflok kompjuters jintużaw laptops peress li s-sala ser tkun qed tintuża għal diversi korsijiet oħra u l-ispazju huwa limitat.

**2.3.1 Sejħa għall-offerti MLC 3/2024 – Installazzjoni ta' sistema CCTV fit-toroq ta' dħul/ħruġ miż-żona urbana tal-Mellieħa (C/9)**

2.3.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-laqgħa tal-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Kunsill biex issir evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet li saru b'rabta mas-Sejħa għall-Offerti MLC 3/2024 – Installazzjoni ta' sistema CCTV fit-toroq tad-dħul/ħruġ miż-żona urbana tal-Mellieħa saret online fl-20 ta' Mejju 2025.

2.3.3. Il-Sindku qal li għal din il-laqgħa attenda wkoll l-Ing. Alan Xuereb li ta spjega fid-dettal tat-tliet sottomissjonijiet li saru minn Alberta Group Malta, Eco Group u s-Sur Russlan Cilia kif ukoll tar-rapport tekniku li għamel huwa stess.

2.3.4. Is-Sindku għarraf li s-sottomissjoni ta' Alberta Group Malta kienet fully compliant mar-rekwiżiti stabbilit fis-sejħa għall-offerti u l-aktar waħda vantaġġjuża. Għal dan il-għan, il-parir tal-Ing. Xuereb kien li l-Kunsill jista' jagħti dan il-kuntratt lil Alberta Group Malta.

2.3.5. Is-Sindku G. Micallef kompla billi li l-Bord ta' Evalwazzjoni qabel iżda, li qabel ma jsir l-iffirmar tal-kuntratt, issir evalwazzjoni wkoll tas-Service Maintenance Agreement. Għal dan il-għan huwa talab lill-membri tal-Bord sabiex jaraw is-Service Maintenance Agreement kif aġġornat mill-Inġinier A. Xuereb sabiex il-Kunsill ikun jista' jipproċedi u ssir laqgħa preliminari ma' Alberta Group Malta.

2.3.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li l-laqgħa ma' Alberta Group Malta ssir madwar mejda fl-uffiċċju tal-Kunsill u possibiliment ikun hemm preżenti l-Inġinier A. Xuereb peress li jista' jkun hemm dettalji u/jew mistoqsijiet tekniċi.

2.3.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1 Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4)**

2.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li kif kien ġie ikkomunikat fil-laqgħa preċedenti, fil-15 ta' Mejju 2025 saret laqgħa mal-Pulizija tal-Komunità.

2.4.3. Is-Sindku qal li f'din il-laqgħa, is-Surġent Ivan Mifsud informa lill-Kunsill dwar proċeduta ġdida fir-rigward ta' tneħħija ta' vetturi abbandunati mit-toroq. Il-proċedura l-ġdida hija li:

(i) l-ewwel jitwaħħal avviż mal-vettura abbadunata li kemm-il darba l-vettura ma titneħħiex minn sidha wara sebat ijiem, il-vettura se titneħħa mill-Pulizija;

(ii) meta jaqbżu s-sebat ijiem, il-Pulizija tagħmel rapport uffiċjali u l-Kunsill Lokali jippubblika avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern li l-vettura se tiġi rmunkata;

(iii) A fini ta' buon ordni, waqt it-towing tal-vettura jkun hemm sorveljanza mill-Pulizija u l-vettura tittieħed l-Imqabba għand kuntrattur responsabbli;

(iv) sid il-vettura għandu ċans sa tletin ġurnata sabiex jirriklemaha u jekk jagħmel dan irid iħallas l-ispejjeż kollha relatati mat-towing tal-vettura. Jekk jonqos milli jirriklemaha, il-vettura tiġi distrutta.

2.4.4. Is-Sindku qal ukoll li waqt din il-laqgħa, il-Pulizija ġiet mgħarrfa:

(a) dwar il-hoarding li ser isir madwar il-binja tal-iskola primarja u kif ser jiġi affettwat il-parking speċjalment fi Triq Napuljun Caruana Dingli;

(b) il-proposta ta' traffic management ġdid fiż-żona Ta' l-Ibraġ u l-konsultazzjoni li ser issir mar-residenti tal-inħawi. Fil-fatt ġie spjegat li l-Kunsill l-ewwel ser jibgħat ittra lir-residenti kollha li se jiġu mistiedna jibagħtu l-feedback u l-kummenti tagħhom fuq indirizz elettroniku li se jinħoloq apposta. Jekk kemm-il darba, il-Kunsill jara li mill-kummenti li jkun irċieva tinħass il-ħtieġa li ssir laqgħa pubblika, il-Kunsill isejjaħ laqgħa pubblika għar-residenti kollha;

(ċ) li fid-29 ta' Mejju 2025, il-Kunsill Lokali se jattendi laqgħa ma' Transport Malta li oriġinarjament kellha ssir f'Jannar 2025, fejn fost oħrajn ser jiġu diskussi s-sitwazzjonijiet reali fi Triq il-Kbira u fi Triq Gorg Borg Olivier u kif possibilment bl-introduzzjoni ta' traffic lights li jaħdmu bl-AI (Artifical Intelligence), dawn jikkontrollaw meta tkun ġejja karozza tal-linja. Il-Kunsill Lokali ser iqajjem ukoll il-proposta tal-Mistra Junction li tikkonsisti fl-introduzzjoni ta' traffic lights qabel id-dħul/ħruġ minn Triq il-Mistra u fejn il-bieb tar-Redenzjoni u punt ta' diskussjoni ieħor ser ikun traffic management f'każ t'emerġenza fit-telgħa ta' Selmun, fit-triq tal-Miżieb u fix-Xemxija. Hawnhekk il-Kunsill se jissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' tabelli interattivi li jagħtu indikazzjoni ta' liema toroq wieħed għandu juża biex joħroġ mill-Mellieħa jew jidħol fil-Mellieħa, f'każ ta' inċident fit-toroq imsemmija.

2.4.5. B'rabta mal-Pulizija tal-Komunità, is-Sindku għarraf li huwa flimkien mal-Kunsillier Emvin Bartolo attendew għal-laqgħa li l-Pulizija tal-Komunità tal-Mellieħa organizzaw għar-residenti ta' Santa Maria Estate nhar is-Sibt, 24 ta' Mejju 2025. Is-Sindku qal li fost il-punti diskussi waqt din il-laqgħa kien hemm is-segwenti:

(i) L-installazzjoni ta' numru ta' cctv cameras fl-entraturi kollha ta' Santa Maria Estate – proposta tal-Pulizija li ntlaqgħet tajjeb ferm mir-residenti anke minħabba l-problema ta' nuqqas ta' riżorsi umani min-naħa tal-Pulizija;

(ii) Il-ħtieġa li jkun hemm stazzjonata ambulanza b'tabib jew fil-Mellieħa jew fix-Xemxija (fl-istazzjoni tat-tifi tan-nar li d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili għadu kif għamel fih xogħol ta' upgrading).

2.4.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet jekk is-servizz tal-ambulanza huwiex għal matul l-istaġun tas-sajf biss peress li mhux faċli li jkollok ambulanza b'tabib magħha stazzjonata l-Mellieħa jew ix-Xemxija s-sena kollha.

2.4.7. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li din kienet proposta wkoll tal-Kunsill tat-Tfal.

2.4.8. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li din hija deċiżjoni li ma tistax tittieħed mill-Kunsill iżda mill-Ministeru u d-Dipartiment konċernat.

2.4.9. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li fis-sajf il-popolazzjoni tant tikber fl-inħawi tax-Xemxija u tal-Mellieħa, li tajjeb li jkun hemm ambulanza stazzjonata x-Xemxija li hija aktar ċentrali.

2.4.10. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1 Sejħiet għall-Offerti (V/3) (K/6/3/Vol V) (P/4/6/Vol VI)**

2.5.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill għareġ is-sejħa għall-offerti għal Kiri ta' Vann kif ukoll għaż-Żamma u l-Manutenzjoni tal-Ġonna Pubbliċ. Huwa qal ukoll li s-sejħa għall-offerti għal Tiswijiet fil-Multi-Purpose Court fil-Park tal-Familja se joħroġ dil-ġimgħa u mbagħad ikun imiss li l-Kunsill jibda jaħdem fuq is-sejħiet għall-offerti għal Tabelli u Sinjali tat-Traffiku u Servizz ta' Kustodju fil-Park tal-Familja.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Il-Kunsill Lokali tat-Tfal (Z/1/Vol VI)**

2.6.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin infurmat lill-membri preżenti nhar is-Sibt 31 ta' Mejju 2025, il-Kunsill tat-Tfal se jorganizza 'Clean Up Event' fil-Park tal-Familja f'Selmun u fi Triq Selmun. Għal din l-attività, il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li saret emfażi sabiex it-tfal ikunu akkumpanjati minn tal-inqas ġenitur jew kustodju wieħed biex titħares is-sigurtà tat-tfal. Hija qalet ukoll li l-Kunsill se jipprovdi l-ingwanti, il-litter pickers, fliexken tal-ilma kif ukoll il-boroż tal-iskart.

2.6.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li Jack Bartolo, membru fil-Kunsill tat-Tfal tal-Mellieħa ġie elett minn sħabu fil-Kunsill biex iservi bħala rappreżentant fil-Kunsill Reġjonali tat-Tfal. F'din il-kariga huwa ħa jkun mistenni li jitkellem għan-nom tal-Kunsill tat-Tfal tal-Mellieħa waqt tliet seduti li ser isiru matul id-disa' xhur li ġejjin.

2.6.4. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet ukoll li l-Kunsill tat-Tfal mhux se jiltaqa' matul ix-xahar ta' Ġunju minħabba li t-tfal ikollhom l-eżamijiet iżda se jiltaqa fit-2 u fit-30 ta' Lulju 2025 fl-4.30pm.

2.6.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u feraħ lil Jack Bartolo għal din il-kariga l-ġdida.

**2.7.1. Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb (F/5/Vol III)**

2.7.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin infurmat lill-membri preżenti li għal sena oħra, il-Kunsill ser ikollu stand fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb li ser isir bejn il-5 u d-9 ta' Novembru 2025.

2.7.3. Hija qalet li kemm-il darba l-pubblikazzjoni tal-mibki s-Sur Joseph F. Cachia tkun lesta, din tkun tista' tinbiegħ mal-pubblikazzjonijiet l-oħra tal-Kunsill.

2.7.4. Il-Kunsilliera C. Castillo issuġġerit li għal din is-sena, l-istand għandha tinkludi wkoll materjal viżiv li jiġbed l-attenzjoni tan-nies u fl-istess waqt l-istand tidher aħjar.

2.7.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Pubblikazzjoni ta' Kitbiet tal-mibki s-Sur Joseph Felix Cachia (P/4/5/Vol III)**

2.8.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li nhar l-14 ta' Mejju 2025, il-Kunsill iltaqa' mas-Sur David Muscat l-awtur tal-pubblikazzjoni li se tiġbor fiha kitbiet u poeżiji tal-mibki s-Sur Joseph Felix Cachia. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li f'din il-laqgħa ġiet deċiża s-sekwenza tal-kitbiet kif ukoll kif se tkun imqassma din il-pubblikazzjoni. Hija qalet ukoll li l-pubblikazzjoni se jkun fiha wkoll numru ta' ritratti u se tiġi stampata f'qies A5, b'qoxra kemmxejn ħoxna, font 'Andica' Size 14 biex ikun jista' jinqara anke minn persuni dyslexic u full-colour. Fl-aħħarnett hija qalet li l-awtur għandu jara kemm ser jidħlu ritratti, biex jiġi ddeterminat in-numru ta' paġni li ħa jkun fiha din il-pubblikazzjoni.

2.8.3. Is-Sindku G. Micallef qal li l-membri tal-Kunsill ingħataw kopja tal-minuti ta' din il-laqgħa. Huwa qal ukoll li appena l-Kunsill ikun jaf in-numru ta' paġni, jibda l-proċess biex toħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-iddisinjar u l-istampar tal-pubblikazzjoni. Huwa għarraf li l-pubblikazzjoni ħa tkun bil-lingwa Maltija biss u l-proof reading ser ikun f'idejn l-awtur.

2.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.9.1. Kors fl-Ewwel Għajnuna (E/3/1/Vol III )

2.9.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill għamel sejħa għall-kwotazzjonijiet sabiex ikun jista' jorganizza korsijiet fl-Ewwel Għajnuna lir-residenti li joqogħdu fil-lokalità tal-Mellieħa fis-sala tal-Kunsill.

2.9.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li l-irħas kwotazzjoni kienet ta' St John's Ambulance.

2.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.10.1. Sejħiet għall-Kwotazzjonijiet (P/4/31) (T/3/1) (P/4/14) (P/4/23)

2.10.2. Is-Sindku għarraf li għalqet is-sejħa għall-kwotazzjonijiet dwar Servizz ta' Inġinier fir-rigward tal-Proġett tad-Dawl tal-Knisja tal-Manikata u għalqet ukoll is-sejħa għall-kwotazzjonijiet biex jinbidlu l-information boards ta' Selmun

2.10.3 Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill ħareġ sejħa għal Servizz ta' Perit fir-rigward ta' Xogħol ta' Titjib fi Ġnien Ħidmet il-Volontarjat u l-Playing Field fi Triq l-Erwieħ.

2.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.11.1. Introduzzjoni ta' Cat Cafes (A/9/Vol II)

2.11.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li hija għamlet kuntatt mas-supervisor taċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa dwar il-possibilità li l-cat cafes isiru mill-membri li jattendu dan iċ-ċentru. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li din il-proposta ntlaqgħet tajjeb u s-supervisor għandha titkellem mal-membri u tinforma lill-Kunsill appena jkun hemm xi żviluppi.

2.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.12.1. Parteċipazzjoni fl-Integration Strategy & Action Plan 2025 - 2030 (A/2/Vol XII)

2.12.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin u l-Kunsillier J. Cauchi għarrfu li nhar it-Tnejn 19 ta' Mejju 2025, huma attendew għal-laqgħa organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u d-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem rigward il-bżonn li l-Kunsilli Lokali jipparteċipaw u jagħtu sehemhom fejn tidħol integrazzjoni soċjali.

2.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.13.1. Inawgurazzjoni tas-Sala Joseph Borg (P/10/40)

2.13.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li sfortunatament membru tal-familja tal-mibki s-Sur Joseph Borg, kien ser ikun l-isptar fid-data proposta fis-seduta preċedenti. Is-Sindku kompla billi qal li fuq talba tal-familja stess, ġie suġġerit li l-inawgurazzjoni ssir nhar is-Sibt, 14 ta' Ġunju 2025 fis-7.30 ta' filgħaxija.

2.13.3. Is-Sindku qal li r-running order tas-serata ser ikun jikkonsisti f'żewġ diskorsi – minnu u minn membru tal-familja, presentation u l-kxif tal-lapida. L-istedin ser isir lill-familjari, lill-għaqdiet lokali u lil kull min kien involut f'dan il-proġett.

2.13.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li sfortunatament huwa dakinhar ma jistax jattendi.

2.13.5. Il-Kunsilliera C. Castillo ġibdet l-attenzjoni li fl-14 ta' Ġunju 2025 hemm l-'End of Season Event' tal-Mellieħa Sports Club.

2.13.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u s-Sindku qal li ser jitkellem mal-membri tal-familja sabiex possibiliment l-inawgurazzjoni ssir fit-18 ta' Ġunju 2025.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Użu tal-Park tal-Familja waqt il-Proġett tal-Iskola Primarja (S/3/1/1)

3.1.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg staqsa jekk, il-bankijiet li nqalgħu mill-Park tal-Familja f'Selmun minħabba li bħalissa qed ipoġġu l-portable classrooms, jistgħux jitpoġġew fil-Playing Field ta' Triq l-Erwieħ jew fi Ġnien Ħidmet il-Volontarjat.

3.1.3. Is-Sindku G. Micallef qal li fir-rigward ta' Ġnien Ħidmet il-Volontarjat, il-Kunsill qiegħed f'kuntatt mal-Aġenzija għar-Riġenerazzjoni ta' Żoni Turistiċi sabiex f'dan il-ġnien jitpoġġew numru ta' bankijiet ġodda.

3.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.2.1 Servizzi ta' Environmental Rangers fiż-Żoni Urbani tal-Mellieħa (W/3/Vol XI)

3.2.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet jekk l-Environmental Rangers humiex jibagħtu ir-rapport ta' kull xahar li jippermetti li l-Kunsill ikun mgħarraf bil-postijiet u t-toroq li jkunu qed imorru fihom kif ukoll in-nuqqasijiet li jkun qed jirnexxielhom jidentifikaw u possibiliment jindirizzaw.

3.2.3. Is-Sindku G. Micallef wieġeb fl-affermattiv u qal li minbarra r-rapporti ta' kull xahar, infetħet WhatsApp Chat apposta fejn l-Environmental Rangers jibagħtu dak kollu li jiltaqgħu miegħu waqt ir-rondi li qed jagħmlu fil-Mellieħa, il-Manikata u l-Għadira.

3.2.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li fil-fatt diġa' rnexxielhom jidentifikaw dawk il-'problematic points' kemm fl-inħawi tal-Għadira u anke fil-Mellieħa. Fil-fatt, is-Sur Bartolo qal li waħda mill-aktar żoni problematiċi hija l-area viċin Townsend għalkemm tajjeb wieħed jirrimarka li jidher li riċentament sar progress.

3.2.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issuġġerit li tinġibed l-attenzjoni tal-Environmental Rangers għal żoni problematiċi bħal Triq tas-Salib, Misraħ tas-Salib, Triq il-Lellux u Triq il-Ġarġir. Il-Kunsilliera L. Darmanin issuġġerit li ma' din il-lista tiżdied Triq il-Marlozz.

3.2.6. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li l-Environmental Rangers qed jagħmlu sorveljanza u jgħaddu r-rapporti fil-WhatsApp Chat u min-naħa tal-Kunsill hemm membru tal-istaff apposta li jsegwi dawn ir-rapporti u jieħu l-azzjoni meħtieġa skont il-ħtieġa. Apparti minn hekk, permezz tal-Environmental Rangers fit-toroq illum il-ġurnata għandek aktar għajnejn li jsegwu l-abbużi.

3.2.7. Is-Sindku G. Micallef qal li hemm problema kbira viċin il-campsite f'Daħlet ix-Xmajjar peress li qed jiġi nnutat li qed jintrema' ammont ta' skart goff b'mod regolari. Dan ġie innutat mill-Environmental Rangers u qed jittieħdu l-passi neċessarji.

3.2.8 Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.3.1. Timed Parking Bays (T/3/2/Vol XV111 )

3.3.2. Il-Kunsilliera C. Castillo ssuġġerit li fi Triq il-Kbira u Triq Gorg Borg Olivier fejn jista' jsir parkeġġ imma bil-ħin, dawn il-parking bays isiru marki apposta ġo fihom li jindikaw li huma 'Timed Parking Bays'.

3.3.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li f'dan il-każ il-Kunsill irid jagħmel talba lil Transport Malta.

3.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.4.1. Inizjattiva Community Profiling tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana (K/16)

3.4.2. Is-Sindku G. Micallef għamel referenza għall-minuta 3.4.1 tas-seduta preċedenti dwar possibilità ta' kollaborazzjoni ma' Culture Venture sabiex isir studju fuq l-identità ta-Mellieħa u għall-kwotazzjoni li l-Kunsillier J. Cauchi kien kiseb f'dan ir-rigward.

3.4.3. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill Reġjonali Tramuntana għadu kif iffirma Memorandum of Understanding mal-Kunsill Malti għall-Arti sabiex flimkien jimplimentaw l-inizjattiva 'Participatory Geographic Information System (PGIS) bil-għan li din l-inizjattiva tiddefenixxi l-kultura fuq bażi reġjonali f'Malta u f'Għawdex. Hawnhekk il-membri tal-Kunsill ingħataw kopja tal-MOU bħala referenza.

3.4.4. Is-Sindku tenna li l-ħsieb mhuwiex li jitwaqqfu l-kuntatti mal-Culture Venture iżda li l-Kunsill jivverifika direttament mal-Kunsill Malti għall-Arti sabiex il-Kunsill ma jispiċċax b'żewġ studji f'idejh simili ta' xulxin.

3.4.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li aħjar issir verifikazzjoni biex il-Kunsill ma jidħolx fi spejjeż jekk l-istess tip ta' studju ser isir mir-Reġjun. Il-Kunsill jista' jieħu li jista' minn dan l-istudju imbagħad fil-futur wieħed jara.

3.4.6. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li kif jidher fl-MOU, l-istudju li ħa jsir huwa in line ħafna ma' dak offrut minn Culture Venture.

3.4.7. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li jista' jkun li l-Kunsill għadu fiċ-ċans li jitlob lill-Kunsill Malti għall-Arti jadatta l-istudju tiegħu skont il-ħtiġijiet tal-Kunsill.

3.4.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien hemm qbil li l-Kunsillier J. Cauchi jitkellem mal-Kunsill Reġjonali Tramuntana sabiex issir verifika fuq xhiex ħa jkun jittratta dan l-istudju eżattament.

### 3.5.1. Sessjoni "Aqra Miegħi" fl-Irziezet ta' Selmun (E/3/1/14)

3.5.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet illi s-sessjoni li jmiss ta' 'Aqra Miegħi' ser issir fil-21 ta' Ħunju 2025.

3.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.6.1 Jum il-Missier (A/5/3/Vol XVI)

3.6.2 Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier li ser jaħbat nhar il-Ħadd 15 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill ser jqassam muffin lill-anzjani residenti f'Dar Madonna tal-Mellieħa u lill-membri li jattendu ċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa.

3.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Verżjoni Draft tal-Memorandum of Understanding tal-Cleansing and Maintenance Division dwar il-Latrini Pubbliċi;
- Minuti tal-Ewwel Laqgħa tat-Tender Evaluation Committee dwar is-Sejħa għall-Offerti Numru 3/2024 – Supply, Installating, Testing and Commissioning of a Traffic Monitoring System and CCTV System at Four Different Locations within the Locality of Mellieħa' – 20/05/2025;
- Minuti tal-Ewwel Laqgħa tat-Tender Evaluation Committee fir-rigward tal-Proġett tat-Tisbiħ li jinsab fi Triq l-Għasel li ser isir b'kollaborazzjoni ma' Project Green – 14/02/2025;
- Minuti tat-Tieni Laqgħa tat-Tender Evaluation Committee fir-rigward tal-Proġett tat-Tisbiħ li jinsab fi Triq l-Għasel li ser b'kollaborazzjoni ma' Project Green – 10/03/2025;
- Minuti tat-Tielet Laqgħa tat-Tender Evaluation Committee fir-rigward tal-Proġett tat-Tisbiħ li jinsab fi Triq l-Għasel li ser b'kollaborazzjoni ma' Project Green – 17/03/2025;

- Minuti tar-Raba' Laqgħa tat-Tender Evaluation Committee fir-rigward tal-Proġett tat-Tisbiħ li jinsab fi Triq l-Għasel li ser b'kollaborazzjoni ma' Project Green – 16/04/2025;
- Minuti tal-Ħames Laqgħa tat-Tender Evaluation Committee fir-rigward tal-Proġett tat-Tisbiħ li jinsab fi Triq l-Għasel li ser b'kollaborazzjoni ma' Project Green – 23/04/2025;
- Memorandum of Understanding bejn il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kunsill Reġjonali Tramuntana;
- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 24/05/2025;
- Skeda ta' Pagamenti – 26/04/2025 – 24/05/2025;
- Skeda ta' Petty Cash – 14/03/2025 – 28/04/2025;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Il-Proġett tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa (S/3/1/1)

5.1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand il-Perit Joseph Cachia li huwa l-perit tal-kumpanija Polidano Group, peress li Polidano Group ser jagħmlu x-xogħol ta' tħaffir tas-sit biswit l-iskola primarja bejn Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq Sant'Elena u Triq Napuljun Caruana Dingli.

5.1.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa ltaqa' mal-Perit Joseph Cachia peress li l-ewwel pass se jkun li jitpoġġa l-hoarding. Fir-rigward ta' Triq il-Mitħna l-Ġdida, is-Sur E. Bartolo qal li l-hoarding ser jitpoġġa fuq il-bankina filwaqt li fi Triq Napuljun Caruana Dingli, peress li jridu jsiru l-piles u l-hoarding, kien hemm qbil li l-hoarding jitpoġġa kemm jista' jkun mal-ħajt li hemm diġa'. Madanakollu, il-parking ta' vetturi f'din it-triq ser ikollu jsir biss man-naħa tal-hoarding peress li l-wisa' tat-triq ma tippermettix parking fuq iż-żewġ naħat u n-naħa tad-djar isiru double yellow lines.

5.1.4. Fir-rigward tat-trakkijiet u l-gates, is-Sur E. Bartolo qal li kien hemm qbil li t-trakkijiet kollha jużaw Triq Lewis Wettinger u Triq Edward Camilleri biex jaslu Triq il-Mitħna l-Ġdida u viċe-versa, filwaqt li fir-rigward tal-gates, għandha ssir gate perpendikulari ma' dik eżistenti u d-dħul u l-ħruġ ikun minn hemm biss.

5.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u apprezza li qed ikun hemm komunikazzjoni mal-Kunsill.

### 5.2.1. Laqgħa mal-ħaddiema tad-Diviżjoni għall-Indafa u Manutenzjoni (T/4/5/Vol IV)

5.2.2. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa flimkien mas-Sindku ltaqgħu mal-ħaddiema tad-Diviżjoni għall-Indafa u Manutenzjoni sabiex setgħet tiġi spjegata lilhom l-iskeda l-ġdida fir-rigward tal-indafa tat-toroq kollha tal-Mellieħa, Manikata, Għadira u Selmun.

5.2.3. Is-Sur E. Bartolo qal li kienet laqgħa pożittiva iżda deher li l-ħaddiema m'għandhomx għodda biżżejjed biex jaħdmu. Għal dan il-għan, sar komunikat mad-Diviżjoni fejn il-Kunsill talab għan-nom tal-ħaddiema li dawn jingħataw l-għodda li għandhom bżonn.

5.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.3.1. Talba biex jiġu armati mwejjed u siġġijiet fi Triq Tas-Salib (T/4/10/Vol IV)

5.3.2. Is-Sinku G. Micallef irrefera għat-talba li saret lill-Kunsill mill-istabbiliment kummerċjali Reflections Pub dwar armar ta' mwejjed u siġġijiet faċċata tal-istabbiliment fi Triq tas-Salib.

5.3.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li din it-talba trid issir lil Transport Malta permezz ta' applikazzjoni.

5.3.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri rrimarka li bħala stabbiliment kummerċjali diġa' għandu area fuq barra bl-imwejjed u s-siġġijiet.

5.3.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li din il-parti tat-triq hija two-way u apparti hekk kif tkun tiela' biswit Misraħ tas-Salib u ddur fuq il-lemin għal Triq Tas-Salib, wieħed ser ikun qed jikser għal fuq l-imwejjed u s-siġġijiet.

5.3.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien tal-fehma li l-post propost għall-imwejjed u s-siġġijiet huwa perikoluż.

## 5.4.1. Armar ta' Tower Crane fi Triq Tas-Salib (T/3/2/Vol XVIII)

5.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa flimkien mal-Kunsillier E. Bartolo ltaqgħu fuq il-post ma' kuntrattur li għandu bżonn jarma tower crane fi Triq tas-Salib fil-parti t'isfel tagħha.

5.4.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-bażi tat-tower crane waħedha hija wiesgħa 5.2m u għaldaqstant ser tkun qed tieħu parti sostanzjali mit-triq. Apparti dan, is-Sur E. Bartolo qal li kemm-il darba dan it-tower crane jintrama', hu u jopera ħa jkun ta' periklu għal kull min ser ikun għaddej mit-triq.

5.4.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li għal dawn ir-raġunijiet, il-Kunsill għandu jikkunsidrax jagħlaq din il-parti ta' Triq tas-Salib jew mod ieħor.

5.4.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet jekk il-Kunsill jafx għalkemm żmien kieku ser tkun magħluqa t-triq, anke għall-fatt li f'dawk l-inħawi hemm diversi side streets minn fejn jista' jgħaddi t-traffiku..

5.4.6. Il-Kunsilliera L. Darmanin staqsiet jekk hux ser jibqalhom aċċess is-sidien tal-garaxxijiet li hemm f'din il-parti tat-triq.

5.4.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa mhuwiex tal-idea li tingħalaq it-triq għalkemm il-Kunsill kien hemm drabi fejn ta permessi biex il-platform tat-tower crane issir fit-triq. F'dan il-każ, huwa qal li għandu jibqa' l-aċċess għat-traffiku.

5.4.8. Is-Sindku G. Micallef qal li kemm-il darba t-triq ma tingħalaqx, l-ispazju li jifdal ser ikun limitat ħafna anke minħabba l-fatt li hemm il-hoarding li diġa' qed jillimita l-wisa' tat-triq.

5.4.9. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri staqsa jekk dan il-kuntrattur jistax juża crane iżgħar peress li t-triq ma tippermettix. Il-Kunsillier E. Bartolo wieġeb li dan il-kuntrattur huwa sid it-tower crane u ma jkunx vijabbli għalih li jikri ieħor iżgħar.

5.4.10. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li kemm-il darba l-kuntrattur juża crane normali biex jaħdem, it-triq xorta ser tingħalaq. Id-differenza tkun li filgħaxija l-crane jitlaq minn fuq il-post.

5.4.11. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob lill-Perit ta' dan il-kuntrattur jagħmel pjanta bil-qisien tat-triq u li tkun tinkludi l-hoardin u t-tower crane liema pjanta tintbagħat lil Transport Malta għall-kunsiderazzjoni tagħha.

## 5.5.1. Tabelli 'Give Way to Buses' (T/3/2/Vol XVII)

5.5.2. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li numru ta' sidien ta' stabbilimenti kummerċjali fi Triq Gorg Borg Olivier issuġġerew li l-Kunsill iwaħħal tabelli 'Give Way to Buses' fejn il-kunvent tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesu', fejn is-Solana Hotel u fejn iċ-Ċentru Laburista.

5.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.6.1 Proġett Ġnien fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri/Etna/Għasel (P/4/27)

5.6.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li ma kien l-ebda appell għad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-kuntratt lil Derek Garden Centre fir-rigward tal-proġett tal-Ġnien fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri/Etna/Għasel.

5.6.3. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill talab li jkollu viżibilità tal-kuntratt qabel ma jiġi ffirmat, u Project Green ma sabux oġġezzjoni għal dan. Huwa qal li kull membru tal-Kunsill ingħata kopja tiegħu u talab lill-membri tal-Kunsill jarawh u jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom, sabiex il-Kunsill ikun jista' jgħaddihom lil Project Green.

5.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.7.1 Manutenzjoni ta' Slipways (X/1/2/Vol II)

5.7.2 Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li s-slipways li hemm f'Dawret it-Tunnara u fix-Xatt ta' Santa Marija jeħtieġ li ssirilhom manutenzjoni.

5.7.3. Is-Sindku G. Micallef qal li bħala Kunsill issottomettejna works order lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet biex issir il-manutenzjoni meħtieġa ta' dawn is-slipways.

5.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.8.1. Sewqan fi Triq Lewis Wettinger (T/3/2/Vol XVIII)

5.8.2. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li l-Kunsill għandu jagħmel talba lil Transport Malta sabiex jinbidel l-ispeed limit ta' Triq Lewis Wettinger peress li speed limit 60 huwa ftit wisq għal sewqan f'bypass.

5.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li għandha tintbagħat talba lil Transport Malta u jiġi kkuppjat is-Surġent tal-Mellieħa.

### 5.9.1. Clean Up Event minn Rotary Club (T/6/1/Vol IV)

5.9.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li ġie avviċinat minn Rotary Club peress li fis-7 ta' Ġunju 2025 jixtiequ jorganizzaw 'Clean Up the Sea Day' fil-Mellieħa.

5.9.3. Is-Sindku G. Micallef talab lis-Sur K. Buttigieg biex Rotary Club jibagħtu email lill-Kunsill bid-dettalji kollha sabiex il-Kunsill ikun anke jista' jgħinhom billi jipprovdilhom ingwanti, litter pickers u boroż tal-iskart.

5.9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.10.1. Opri tal-Baħar fuq il-Moll tat-Tunnara (X/1/5/Vol II)

5.10.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ssuġġerixxa li dwar l-opri tal-baħar fuq il-moll tat-Tunnara, għandha issir laqgħa mas-sajjieda peress li jidher li mhux kulħadd jaf x'irid isir sewwa.

5.10.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li fix-Xatt ta' Santa Marija, hemm ukoll qed isiru ħafna abbużi mis-sidien tal-opri tal-baħar. Fir-rigward tal-moll tat-Tunnara, huwa qal li hemmhekk vetturi normali ma jistgħux jipparkjaw madanakollu hemm domanda akbar mill-ispazju disponibbli.

5.10.4. Is-Sindku G. Micallef qal li biex torganizza laqgħa għas-sajjieda u għall-operaturi kollha li jużaw dan il-moll, irid ikollok bażi fuq x'hiex tibbaża l-argumenti. Il-Kunsill jista' jiltaqa' ma' min jixtieq jiltaqa' miegħu.

5.10.5. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li dan is-suġġett huwa wieħed kemmxejn jaħraq u jista' jagħti l-każ li jekk torganizza laqgħa, ħafna minnhom ma jattendux. Is-Sur K. Buttigieg qal li minn hemmhekk joperaw sajjieda, leisure boats u ristorant u jekk issir laqgħa l-Kunsill se jidħol bejn dawn l-operaturi kollha. Huwa qal ukoll li fuq il-moll diġa' hemm tabella 'For Boats and Trailers'.

5.10.6.. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li t-tabelli ħa jsiru sabiex ikun jista' jsir infurzar u jitnaqqsu l-abbużi.

5.10.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u ddeċieda li jitlob lil Transport Malta blocked plan ta' kif qegħdin allokati d-designated areas fuq dan il-moll.

### 5.11.1 Installazzjoni ta' Bus Shelters (B/6/Vol V)

5.11.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill ħareġ sejħa għall-offerti għal Servizz ta' Perit biex ikunu jistgħu jsiru l-applikazzjonijiet permezz ta' Development Notification Order (DNO) biex jiġu installati bus shelters fl-Għadira, Għajn Tuffieħa u Triq Gorg Borg Olivier fost oħrajn.

5.11.3. Is-Sindku G. Micallef qal l-aktar kwotazzjoni vantaġġjuza kienet tal-Perit Matthew Casha li ser jieħu ħsieb japplika għall-permessi neċessarji msemmija hawn fuq.

5.11.4. Is-Sindku qal ukoll l-Kunsill se jaħdem mal-FACES biex jiġu nstallati dawn il-bus shelters u se jkun qed jitlob rimbors tal-ispejjeż lill-Infrastructure Malta.

5.11.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.12.1. Tisbiħ tat-Taraġ fi Triq l-Isqof Pace (P/4/17)

5.12.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill li dwar id-disinn tat-taraġ, il-Perit Matthew Casha ser jintalab jimxi fuq id-disinn diġa' lest tat-taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar.

5.12.3. Is-Sindku għarraf ukoll li huwa l-ħsieb tal-Kunsill li jibda proċess simili għat-taraġ faċċata tal-ex HSBC fi Triq Gorg Borg Olivier.

5.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.13.1. Kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Tramuntana (K/15)

5.13.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill Reġjonali Tramuntana lest li jikkolabora mal-Kunsill:

(a) sabiex isiru traffic counts fi Triq il-Mellieħa viċin Ġnien iż-Żerniq u fi Triq il-Wilġa għal xahar sħiħ;

(b) fejn jidħlu installazzjonijiet ta' cctv cameras, ir-Reġjun bħalissa qed jagħmel sejħa għall-kwotazzjonijiet biex jixtri numru ta' cctv cameras, biex ikunu jista' jibbenefikaw minnhom il-Kunsill Lokali fi ħdanu;

(ċ) fir-rigward ta' information boards, welcome boards u mapep interattivi fost oħrajn, ir-Reġjun qed jieħu l-feedback mingħand il-Kunsilli li qed jiġu mħeġġa jimlew applikazzjoni bil-għan li dawn it-tabelli fil-Kunsilli Lokali fi ħdan il-Kunsill ikunu kollha uniformi u s-sejħa għall-kwotazzjonijiet tkun f'idejn ir-Reġjun.

5.13.3. Is-Sindku G. Micallef qal ukoll li r-Reġjun Tramuntana jista' jikkolabora wkoll fejn jidħlu pubblikazzjonijiet ġodda tal-Kunsill.

5.13.4. Huwa qal li għal din is-sena, il-Fond Kulturali li minnu jistgħu jibbenefikaw il-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun Tramuntana huwa ta' €27,000. Dawn il-fondi jridu jintefqu sal-aħħar ta' din is-sena u hemm numru ta' kriterji li l-Kunsill Lokali jrid jimxi magħhom. Hawnhekk is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jista' jorganizza attività sportiva xi ġurnata bejn it-23 u t-30 ta' Settembru 2025.

5.13.5. Is-Sindku qal li l-Kunsill Reġjonali Tramuntana qed jistieden lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu sabiex jagħżel landmark bħal ngħidu aħna it-Torri l-Aħmar (it-Torri ta' Sant'Agatha) sabiex jinħadem f'mudell u l-Kunsill Reġjonali jgħaddih lill-Kunsill sabiex jinżamm f'post prominenti bħalma huwa l-uffiċċju tal-Kunsill.

5.13.6. Il-Kunsillier E. Bartolo issuġġerixxa l-ark tal-Bitħa tas-Santwarju filwaqt li l-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issuġġerit l-bitħa tas-Santwarju jew Misraħ il-Parroċċa.

5.13.7. Il-Kunsill ħa nota tat-tagħrif mogħti u qabel li jiġi ssuġġerit l-ark tas-Santwarju.

## 5.14.1 Ċelebrazzjoni tal-125 Sena Anniversarju mit-twaqqif tal-Malta Football Association (S/4/2/Vol IV)

5.14.2. Is-Sindku G. Micallef qal li bħala bidu din iċ-ċelebrazzjoni li saret fit-18 ta' Mejju 2025, intlaqgħet tajjeb ħafna.

5.14.3. Huwa qal li l-Malta Football Association lesti li joffru l-lasti u l-equipment kollu neċessarju kemm-il darba l-Kunsill jorganizza attività ta' din ix-xorta s-sena d-dieħla. Il-Kunsill jieħu ħsieb biss it-trasportazzjoni ta' dan l-apparat.

5.14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.15.1. Skambji ta' Żjarat bejn il-Mellieħa u Cavriglia (K/1/5/3/Vol IV)

5.15.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li dwar iż-żjara li delegazzjoni mill-Kunsill u minn l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina ser jagħmlu f'Cavriglia bejn il-11 u s-17 ta' Settembru 2025, l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina ikkonfermaw l-ismijiet tal-għoxrin membru tagħhom.

5.15.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ssuġġerixxa li l-Kunsill jiddeċiedi min ser ikunu l-membri min-naħa tal-Kunsill u kien hemm qbil li għal din iż-żjara jitilgħu Cavriglia s-Sindku G. Micallef, il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri u l-Kunsillier J. Cauchi.

5.15.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.16.1 Memorandum of Understanding dwar iż-Żamma ta' Latrini Pubbliċi (L/3/Vol III)

5.16.2. Għal din il-parti tas-seduta attenda b'mod virtwali s-Sur Duncan Hall – l-Assistent Direttur tad-Diviżjoni għall-Indafa u l-Manutenzjoni (CMD).

5.16.3. Is-Sindku rringrazzja lis-Sur D. Hall li aċċetta li jkun parteċipi għal din il-parti tas-seduta u jispjega lill-membri kollha preżenti f'hiex jikkonsisti l-Memorandum of UnderStanding. Pero' qabel xejn is-Sindku għarraf li kif ġie spjegat fis-seduta preċedenti, wara nuqqasijiet fil-kuntratt dwar iż-Żamma ta' Latrini Pubbliċi li għandu l-Kunsill bħalissa, il-Kunsill kien għamel kuntatt mas-Sur Ramon Deguara u fil-5 ta' Mejju 2025 sar online meeting bejn is-Sur Deguara u min-naħa tal-Kunsill attendew huwa flimkien mal-Kunsilliera J. Buttigieg u E. Bartolo u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin.

5.16.5. Matul dan l-online meeting, is-Sur Ramon Deguara spjega li l-Kunsill jista' jikkusidra li jidħol fi ftehim mas-CMD permezz ta' Memorandum of Understanding, liema ftehim ikun jipprovdi allokazzjoni ta' żewġ ħaddiema għal kull latrina li jaħdmu tnax-il siegħa kull wieħed, fuq bażi day in day out, is-sena kollha. Apparti dan, is-CMD ikunu responsabbli wkoll miż-żamma tal-latrini pubbliċi u mill-manutenzjoni tagħhom. Għal dan is-servizz, il-Kunsill iħallas l-ammont li jirċievi fl-allokazzjoni li jingħata mill-Gvern Ċentrali għal-latrini pubbliċi. Is-Sur Deguara kien qal ukoll li l-ħinijiet tal-ħaddiema jiġu stipulati mill-Kunsill, iżda l-Kunsill Lokali ikun responsabbli mill-ħlas tal-overtime kemm-il darba l-Kunsill jiddeċiedi li jżied is-sigħat.

5.16.6. Is-Sindku qal fi tmiem dik il-laqgħa, id-Diviżjoni għall-Indafa u Manutenzjoni kellhom jagħmlu workings tagħhom sabiex imbagħad jinfurmaw lill-Kunsill xi spiża ser ikun qed jidħol għaliha l-Kunsill kemm-il darba jiffirma dan l-MOU. Is-Sindku qal ukoll li kien għalhekk li l-membri tal-Kunsill ingħataw kopja draft tal-Memorandum of Understanding sabiex ikunu jistgħu jarawh, jevalwawh u jgħaddu l-kummenti tagħhom.

5.16.7. Is-Sindku mbagħad talab lis-Sur D. Hall sabiex jispjega l-kontenut tal-MOU.

5.16.8. Is-Sur D. Hall spjega li l-MOU huwa għal ħames snin u kif ġie spjegat aktar qabel, is-CMD għamel engagement ta' numru ta' ħaddiema apposta biex ikun jista' jingħata dan is-servizz. Is-Sur D. Hall qal li

CMD ser jidħlu responsabbli għaż-żamma ta' sitt latrini u ma' kull latrina se jiġu allokati żewġ ħaddiema li ser jaħdmu tnax-il siegħa kull wieħed kuljum fuq bażi ta' shift day in day out basis.

5.16.9. Is-Sindku D. Hall qal li minn informazzjoni li kiseb mill-Kunsill, il-Kunsill jirċievi mingħand il-Gvern Ċentrali s-somma ta' madwar €39,000 għaż-żamma tal-latrini pubbliċi u wara li saru l-kalkoli min-naħa tas-CMD, is-somma li l-Kunsill irid jgħaddi fis-sena lis-CMD marbuta ma' dan l-MOU se tkun ta' €28,750. Dan ifisser li l-Kunsill mhux ser jgħaddi l-ammont kollu tal-allokazzjoni lis-CMD iżda ċ-ċifra msemmija.

5.16.10. Is-Sur D. Hall ikkonferma li l-ħinijiet koperti bl-MOU se jkunu eżatt kif inhuma fil-preżent u skond l-iskedi li l-Kunsill għadda lis-CMD jiġifieri:

(i) Bejn Novembru u Marzu u bejn April u Mejju: mit-8.00am sat-8.00pm (anke jekk fil-preżenti xi latrini ma jdumux miftuħin tmax-il siegħa; u

(ii) Bejn Ġunju u Ottubru: tnax-il siegħa plus is-sigħat extra li l-Kunsill kellu għax-xhur meta t-temp ikun bnazzi u aktar nies jiffrekwentaw il-bajjiet.

5.16.11. Is-Sur D. Hall qal li għal dawn il-ħinijiet elenkati fl-iskeda li l-Kunsill kellu fil-kuntratt eżistenti fejn jinqabżu t-tnax-il siegħa, il-Kunsill mhux ser iħallas extra. Il-Kunsill iħallas extra biss kemm-il darba jitlob għall-ħinijiet over and above il-ħinijiet stipulati fl-iskedi. Dan ifisser li s-somma ta' €28,750 tkopri s-sigħat extra li jidħlu fis-seħħ bejn Ġunju u Ottubru.

5.16.12. Is-Sur D. Hall spjega li d-Diviżjoni għall-Indafa u l-Manutenzjoni m'hijiex qegħda hemm biex tagħmel il-qliegħ iżda qegħda hemm biex ir-riżorsi li għandha fi ħdanha tużahom. Huwa qal li llum il-ġurnata d-Diviżjoni għandha workforce ta' disa' mitt ruħ. Huwa żied ukoll li f'dan l-MOU hemm inkluż ukoll il-prodotti biex isir it-tindif neċessarju anke l-manutenzjoni tal-latrini pubbliċi b'mod regolari. Fuq bażi annwali, l-MOU jgħid li darba fis-sena kull latrina pubblika ssirilha manutenzjoni estensiva.

5.16.13. Il-Kunsillier J. Buttigieg xtaq jikkonferma li permezz tal-MOU kull latrina ser ikollha attendant magħha kuljum għal tnax-il siegħa matul is-sena kollha.

5.16.14. Is-Sur Duncan Hall ikkonferma li ma' kull latrina ser ikun hemm żewġ attendants li jaħdmu shift ta' day in day out basis.

5.16.15 Is-Sur John Buttigieg ġibed l-attenzjoni li fl-MOU ma ssir l-ebda referenza għal default notices u bħala Kunsill imdorrijin bis-sistema ta' default notices. Huwa qal ukoll li f'każ ta' xi nuqqasijiet. bħalissa fl-MOU m'hemm xejn imsemmi f'dawn ir-rigward.

5.16.16. Is-Sur D. Hall wieġeb li dawk jistgħu jiġu nklużi bħalma sar fl-MOU dwar l-Indafa tat-Toroq. Hawnhekk is-Sindku G. Micallef qal li għalissa l-Kunsill irid jara jaqbilx fuq il-ħsieb biex imbagħad wara jsir it-tibdil kollu li jkun hemm bżonn.

5.16.17. Is-Sur J. Buttigieg għamel referenza għall-Artiklu 13 tal-MOU dwar Confidentiality u staqsa li kemm-il darba ssir mistoqsija parlamentari li jista' jagħti l-każ li ssir, il-Kunsill ma jkunx jista' jagħti l-informazzjoni mitluba.

5.16.18. Is-Sur D. Hall wieġeb li dik il-klawsola qegħda hemm biex ikun hemm konformità mar-regoli stabbiliti dwar il-Protezzjoni tad-Data. Is-Sur D. Hall spjega li l-kuntratt huwa pubbliku u għaldaqstant din il-klawsola tkopri l-informazzjoni dwar il-ħaddiema biss.

5.16.19. Il-Kunsilliera C. Castillo staqsiet jekk is-sick leave u l-vacational leave humiex ser ikunu koperti mis-CMD.

5.16.20. Is-Sur D. Hall wieġeb li iva dawn ser ikunu koperti mis-CMD u f'każijiet ta' mard jintbagħat replacement.

5.16.21. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk il-ħaddiema skont il-figuri msemmija fl-MOU, hux ser ikunu qed jaħdmu bil-prekarjat.

5.16.22. Is-Sur D. Hall wieġeb li dan ċertament li mhux ser ikun il-każ anke għall-fatt li d-Diviżjoni għall-Indafa u l-Manutenzjoni hija entità governattiva u għaldaqstant ma tistax tħallas bil-prekarjat.

5.16.23. Is-Sur J. Buttigieg staqsta hux ser ikun hemm supervisor assenjat biex jiċċekkja fuq il-ħaddiema.

5.16.24. Is-Sur D. Hall wieġed li bħalissa s-CMD ffirma MOU mal-lokalitajiet ta' Birzebbugia, Ħaż-Żabbar, Il-Kalkara, l-Imdina, ir-Rabat u għandu wkoll taħt ir-responsabilità tiegħu l-Barraka ta' Fuq fil-Belt Valletta u għandu tliet supervisors f'kull reġjun.

5.16.25. Is-Sur J. Buttigieg staqsa jekk il-prodotti li ser jintużaw biex isir it-tindif meħtieġ humiex skond il-green public procurement regulations u s-Sur D. Hall wieġeb fl-affermattiv.

5.16.26. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa wkoll dwar it-tbattil tal-fosos fir-rigward tal-latrina tal-Armier u tar-Ramla tal-Mixquqa peress li sal-lum kien responsabbli l-Kunsill.

5.16.27. Is-Sur D. Hall qal li fir-rigward tat-tbattil tal-fosos s-CMD jagħmel dan is-servizz iżda qal li s-CMD f'dan il-każ l-ewwel se tagħmel aċċess u mbagħad ikun possibbli li tagħti tweġiba f'dan ir-rigward.

5.16.28. Is-Sur E. Bartolo fuq li fil-Mellieħa hawn sewage plant u s-CMD jkunu jistgħu jagħmlu użu minnu.

5.16.29. Wara din id-diskussjoni, is-Sindku għarraf li kien hemm qbil bejn il-membri preżenti li l-Kunsill għandu jmur għal dan l-MOU iżda importanti li jsiru l-emendi fir-rigward tad-default notices.

5.16.30. Is-Sur D. Hall irringrazzja lill-Kunsill u qal li appena l-Kunsill jikkonferma bil-miktub dan, il-ħsieb huwa li s-servizz jibda jingħata mill-1 ta' Ġunju 2025 jew f'nofs Ġunju.

## 5.17.1. Estensjoni tal-Pergola Club Hotel - PA 06754/22 (P/5/8/1)

5.17.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill ħa jerġa' jissottometti oġġezzjoni fuq l-applikazzjoni għall-iżvilupp PA 6754/22 dwar l-estensjoni tal-Pergola Club Hotel. Huwa qal li il-Kunsill permezz tal-Perit Carmel Cacopardo kien għamel rappreżentazzjoni f'Novembru tas-sena 2022. Huwa qal li l-Kunsill se jerġa jitlob lill-Perit C. Cacopardo jagħmel rappreżentazzjoni fuq l-istess linji sottomessi fis-sena 2022.

5.17.3. Il-Kunsillier E. Bartolo issuġġerixxa li l-Kunsill jiġbed ukoll l-attenzjoni tal-avukat tiegħu f'dan ir-rigward.

5.17.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.18.1. Students' Placement maż-Żgħażagħ (Z/1/Vol VI)

5.18.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li wasal fl-aħħar il-placement ta' tliet studenti universitarji li ħadmu fil-qrib maż-żgħażagħ tal-Mellieħa u tal-Manikata. Fil-fatt huwa qal li l-aħħar laqgħa tagħhom maż-żgħażagħ ser issir il-Ħamis, 29 ta' Lulju 2025 fl-uffiċċju tal-Kunsill.

5.18.3. Il-Kunsillier J. Cauchi qal ukoll li dawn iż-żgħażagħ ser jgħaddu rapport lill-Kunsill dwar l-esperjenza tagħhom ma' dawn iż-żgħażagħ.

5.18.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.19.1. Il-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol X)

5.19.2. Is-Sindku G. Micallef għamel referenza għad-dettalji mogħtija fis-seduta preċedenti dwar il-festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ, u ikkonferma li l-programm ser ikun imqassam kif ġej:

(i) Programm Mużikali ta' siegħa mis-Società Filarmonica La Vittoria f'Misraħ il-Parroċċa;

(ii) Fis-7.00pm it-tluq tal-Bandu minn Triq Gorg Borg Olivier u jasal sa Triq l-Inkurunazzjoni; il-bandu ser ikun akkumpanjat mill-Mellieħa Scout Group;

(iii) Żfin tradizzjoni mill-membri taċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa;

(iii) Żfin tradizzjonali minn Artemocion Dance & Leisure Studio;

(iv) Re-enactment minn In Guardia;

(v) Ħruq tal-ħuġġieġa tradizzjonali mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina;

(vi) Kant u daqq tradizzjonali mill-Grupp Fuklar;

(vii) Armar ta' stands varji;

(viii) Fjakkoli mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana;

(ix) Armar ta' erba' pavaljuni mill-Grupp tal-Armar; u

(x) possibiliment il-każini jarmaw xi festuni.

5.19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.20.1. Il-proġett tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-toroq prinċipali tal-Mellieħa (W/2/Vol II)

5.20.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li s-sejħa għall-offerti biex isiru dawn ix-xogħlijiet qegħda reviewing stage.

5.20.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li kemm-il darba x-xogħlijiet marbuta ma' dan il-proġett ma jibdewx f'Novembru ta' din is-sena kif kien ippjanat, ix-xogħlijiet se jaqgħu lura u ma jsirux skond il-fażijiet li kienu ġew imfassla anke wara qbil mas-sidien ta' stabbilimenti kummerċjali u lukandi.

5.20.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.21.1. Sejbiet Arkeoloġiċi Importanti fl-inħawi magħrufa bħala 'Il-Latnija' (T/12/1)

5.21.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva stedina mis-Sur Wilfred Kenely li huwa ċ-Chief Executive Officer tar-Research, Innovation and Development Trust (RIDT) fejn il-membri tal-Kunsill ġew mistiedna jattendu għal fund raising event li ser issir nhar is-Sibt 31 ta' Mejju 2025 fis-7.30 ta' filgħaxija fil-Palazz Verdala. Din is-serata ser tkun taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta l-Eċċellenza Tagħha Myriam Spiteri Debono.

5.21.3. Is-Sindku żied jgħid li din il-fund raising event qed jiġi organizzat b'risq ir-riċerka li qed issir b'rabta mas-sejbiet arkeoloġiċi fl-inħawi Tal-Latnija.

5.21.4. B'rabta ma' dan is-suġġett, is-Sindku għarraf li nhar it-Tnejn, 16 ta' Ġunju 2025 fil-5.30 ta' filgħaxija fl-uffiċċju tal-Kunsill, ser issir laqgħa esklussiva għall-membri tal-Kunsill, il-membri tal-istaff u l-Pulizija tal-Komunità mill-Arkeoloġista l-Prof. Eleanor Scerri fost oħrajn. Huwa għarraf ukoll li nhar is-Sibt 28 ta' Ġunju 2025 filgħodu hemm ippjanat li ssir laqgħa pubblika.

5.21.5. Il-Kunsillier is-Sur J. Buttigieg talab sabiex possibiliment il-laqgħa li ser fis-16 ta' Ġunju 2025 jew issir f'data oħra jew inkella l-laqgħa tibda fil-5.00 ta' filgħaxija, peress li dakinhar ser issir il-laqgħa ġenerali lokali tal-Partit Laburista.

5.21.6. Barra min hekk, is-Sindku għarraf li huwa ġie kkuntattjat minn Sajjetta Films, li b'mod esklussiv qed jiġbdu filmati tal-proċess kollu marbut mas-sejbiet arkeoloġiċi f'Tal-Latnija u talbu għall-għajnuna tal-Kunsill possibiliment f'dan li ġej:

(i) li l-Kunsill jidentifika persuni li jistgħu jkunu bdiewa anzjani li potenzjalment jista' jkollhom informazzjoni jew stejjer x'jirrakuntaw dwar l-inħawi Tal-Latnija; u

(ii) li matul ix-xahar ta' Awwissu u Settembru 2025 meta ser ikunu qed jerġgħu jiffilmjaw, jużaw kamra/uffiċċju fl-uffiċċju tal-Kunsill sabiex iħallu l-apparat li jkunu qed jużaw.

5.21.7. Il-Kunsill ma sabx oġġeżżjoni li jintuża l-apparat tal-Kunsill matul il-filming sakemm issir lista bl-inventarju li tkun tista' tiġi iffirmata kull darba li l-apparat joħroġ mill-uffiċċju tal-Kunsill.

5.21.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u s-Sindku wieġeb li ser jiċċekkja fuq it-talba tas-Sur J. Buttigieg.

### 5.22.1. Community WhatsApp Chat tal-Kunsill (I/1/3/Vol VII)

5.22.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet xi żviluppi kien hemm fir-rigward tal-Community WhatsApp Chat tal-Kunsill 'il ġdida.

5.22.3. Is-Sindku G. Micallef għarraf li s'issa kienu ssieħbu fiha mitejn u ħdax-il persuna. Huwa qal ukoll li f'din il-WhatsApp Chat, il-pubbliku ma jistax iħalli kummenti jew suġġerimenti iżda jista' jkun aġġornat b'komunikazzjonijiet importanti li l-Kunsill jippubblika f'din ic-chat. Huwa fakkar li biex tissieħeb fiha u tibda ssegwiha, wieħed irid jidħol mil-link li l-Kunsill inkluda f'post fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill fit-8 ta' Mejju 2025.

5.22.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta u innota t-tagħrif mogħti.

### 5.23.1. Iljieli Melleħin 2025 (A/5/3/5/Vol XVII)

5.23.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-edizzjoni ta' din is-sena tal-Iljieli Melleħin li ser issir il-25 ta' Lulju 2025 fil-Manikata, is-26 u s-27 ta' Lulju 2025 fil-Mellieħa u fit-8 ta' Awwissu 2025 f'Selmun.

5.23.3. Is-Sindku qal li huwa beda jagħmel xi xogħol preparatorju bħal kuntatti mal-klabbs tad-dilettanti tal-vetturi minħabba l-Car Show, ma' Project Green u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex jarmaw stands kif ukoll saret laqgħa wkoll ma Anakron Medieval Living History and Combat's Group.

5.23.4. Fir-rigward Anakron Medieval Living Histor and Combat's Group, is-Sindku qal li dawn jistgħu jtellgħu wirja taż-żmien it-Tieni Gwerra Dinjija fi Triq il-Parroċċa s-Sibt 26 u l-Ħadd 27 ta' Lulju 2025. Barra minn hekk,, huwa qal li interessati ħafna li jieħdu sehem fil-Lejla Selmunija li se ssir fit-8 ta' Awwissu 2025 billi jesebixxu l-affarijiet tagħhom fl-irziezet ta' Selmun u anke jagħmlu re-enactment ta' xi ġlieda.

5.23.5. Is-Sindku kompla billi qal li Anakron lesti li anke jiftħu l-irżieżet ta' Selmun għall-pubbliku f'xi weekend partikolari u/jew anke jorganizzaw open days. Huwa xtaq jenfasizza li d-diskors ma' Anakron kien ċar mal-ewwel fir-rigward tal-użu tal-irziezet ta' Selmun u l-fatt li s'issa m'hemm management agreement iffirmat ma' l-ebda għaqda, organizazzjoni eċċ.

5.23.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li dwar l-użu tal-irziezet ta' Selmun, is-sitwazzjoni pendenti hija l-kwistjoni mat-Test & Reasonableness Board (TORB) dwar l-aċċessibilità tagħhom.

5.23.7. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-Kunsill jista' jerġa' jqajjem dan il-punt mat-TORB u jara jekk postijiet antiki ħafna bħalma huma l-irziezet ta' Selmun, jingħatawx eċċezzjoni. Inkella l-Kunsill jista' jikkunsidra jbiddilx l-applikazzjoni tiegħu minn mużew interattiv u minflok jintuża għal skopijiet oħra bil-għan li t-TORB jagħti l-approvazzjoni tiegħu.

5.23.8. Dwar il-grupp Anakron, is-Sur E. Bartolo qal li l-Kunsill jista' jikkunsidra li jtella' dan il-grupp Agia Napa għall-Medieval Festival iżda s-Sur J. Buttigieg qal li ma jaqbilx peress li Anakron mhuwiex grupp mill-Mellieħa. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-Kunsill jista' jiċċekkja jekk hawnx min hu interessat li jgħaqqad grupp Medjevali mill-Mellieħa stess.

5.23.9. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li jekk Anakron jiftħu l-irziezet ta' Selmun f'ċertu ġranet, din tkun attrazzjoni oħra għat-turisti li jżuru Selmun.

5.23.10. Il-Kunsillier J. Buttigieg fakkar li kien hemm għaqdiet u organizazzjonijiet oħra li talbu lill-Kunsill biex jieħdu ħsieb l-irziezet ta' Selmun u sussegwentement jiftħuhom għall-pubbliku. Fost dawn kien hemm l-Għaqda Kaċċaturi, Nassaba u Konservazzjonisti Melleħin li kellhom ħafna ideat tajbin u l-Kunsill kien talabhom jagħmlu Master Plan. Sfortunatament, l-affarijiet ma sarux kif suppost meta l-irziezet kienu taħt idejn l-ARKEO. Huwa qal ukoll li fir-rigward tat-Torri l-Abjad, il-Kunsill ħareġ Expression of Interest u ħaduna Din l-Art Ħelwa.Għal dan il-għan, huwa kien ta' l-idea li biex il-Kunsill ikun konformi mal-liġi, għandha tinħareġ Expression of Interest. Huwa kien tal-parir ukoll li l-Expression of Interest titfassal mill-avukat tal-Kunsill Dr Jurgen Micallef.

5.23.11. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li tant hemm kobor f'dawn l-irżieżet, li wieħed jista' jikkunsidra jaqsamhom bejn numru ta' għaqdiet u mhux waħda. Huwa qal ukoll li ma jsibx oġġeżżjoni li l-grupp Anakron torganizza dawn l-attivitajiet f'ċertu ġranet.

5.23.12. Is-Sindku G. Micallef qal li Anakron kienu qed jesploraw anke l-possibilità li jagħmlu esebizzjoni fl-għerien ta' Ġnien Ingraw. Fir-rigward tal-irziezet ta' Selmun, din tkun xi ħaġa temporanja anke għall-fatt li fl-irziezet ta' Selmun hemm il-ħtieġa li jsir xogħol ta' manutenzjoni.

5.23.13. Il-Kunsillier E. Bartolo ssuġġerixxa li din il-materja għandha tkun fuq l-Agenda tas-seduta li jmiss biex issir aktar diskussjoni.

5.23.14. Is-Sindku ssuġġerixxa wkoll li fir-rigward tal-exhibition boards li kull sena l-Kunsill jikri sabiex fuqhom jiġu esebiti l-pitturi, il-Kunsill jixtri l-materjal u jsib persuna li jaħdimhom sabiex dawn finalment ikunu tal-Kunsill.

5.23.15. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Kunsill irid jara jekk għandux storage fejn jerfahom minn sena għall-oħra, kif ukoll jieħu in kunsiderazzjoni l-wear and tear tagħhom.

5.23.16. Il-Kunsillier E. Bartolo issuġġerixxa li l-Kunsill jara kemm ser ikunu l-ispejjeż biex jinxtara l-materjal u jinħadmu u jqabbel l-ispiża mal-prezz li qed iħallas fil-preżent.

5.23.17. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.24.1. L-Inizjattiva 'Minn Pjazza għal Pjazza' (F/1/7 Vol XI)

5.24.2. Is-Sindku għarraf li l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa marbuta mal-inizjattiva 'Minn Pjazza għall-Pjazza, ma ġietx mal-ewwel ħmistax -il proposta li tħabbru fit-23 ta' Mejju 2025 waqt l-Expo dwar is-Servizz Pubbliku.

5.24.3. Madanakollu, is-Sindku qal li l-applikazzjoni tal-Kunsill se tibqa' valida u se tkun tista' tiġi kkunsidrata f'edizzjonijiet futuri ta' din l-inizjattiva.

5.24.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.25.1. Għajnuna Finanzjarja lill-Gazzetta 'Il-Mellieħa' (P/3/1/Vol XV)

5.25.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li reġa' kien hemm talba mill-Fondazzjoni Il-Mellieħa, sabiex il-Kunsill jerġa' jikkunsidra u jkun jista' jgħin finanzjarjament lil din il-pubblikazzjoni li ilha toħroġ 62 sena. Huwa qal li l-Fondazzjoni Il-Mellieħa jistgħu jagħtu opportunità lill-membri tal-Kunsill jiktbu artiklu f'paġna li tkun iddedikata għall-Kunsill. Din it-talba qed issir peress li l-fondazzjoni mhux qed jiġbru donazzjonijiet biżżejjed biex jifdu l-ispejjeż u qed titlob donazzjoni ta' €100 fix-xahar.

5.25.3. Il-Kunsill J. Buttigieg qal li hemm abbonament abbinat ma' din il-gazzetta, li kull min jixtieq jirċeviha jrid iħallas. Apparti dan, huwa qal li fil-passat il-Kunsill kien iħallas Lm60 biex iżomm dik il-paġna, iżda dak iż-żmien il-gazzetta kienet titqassam b'xejn.

5.25.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li mingħajr sussidju, il-fondazzjoni jkollha tieqaf milli tippubblika din il-pubblikazzjoni.

5.25.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li fis-seduta numru 5 meta l-Kunsill kien iddiskuta din it-talba l-ewwel darba, il-Kunsill ma kienx qabel u huwa sostna li ma jaqbilx li l-Kunsill jikkontribwixxi €100 fix-xahar meta l-uffiċċju parrokkjali diġa' qed jagħti kontribut.

.

5.25.6. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li illum il-ġurnata l-gazzetta m'għadhiex tal-Parroċċa.

5.25.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.26.1. Proġetti iffinanzjati taħt il-programm Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/35)

5.26.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li fid-19 ta' Ġunju 2025, huwa iċċirkula imejl lill-membri tal-Kunsill dwar kuntatt li huwa kien għamel mal-Europena Union Programmes Agency (EUPA) dwar il-possibilità li l-Kunsill jipparteċipa fi programm iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea.

5.26.3. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li minn dan il-kuntatt ħarġu żewġ għażliet li l-Kunsill jista' jikkunsidra:

(i) Għażla Numru 1 – Erasmus + (Youth Exchange Programme) fejn il-Kunsill jissieħeb ma' Partner li jista' jkun NGO jew Kunsill Lokali minn pajjiż Ewropew ieħor, u jitfassal programm fuq ħamest ijiem fejn tista' tiġi ttrattata fost oħrajn it-tema ta' infomal learning; in-numru ta' parteċipanti f'dan il-programm irid ikun ta' sittax-il parteċipant mill-Mellieħa u sittax-il parteċipant mill-pajjiż partner. Jekk il-Kunsill irid jieħu sehem f'din l-għażla, sal-bidu ta' Awwissu 2025 irid ikun identifika l-partner tiegħu min ser ikun u sal-1 ta' Ottubru 2025 irid jissottometti l-applikazzjoni tiegħu;

(ii) Għażla Numru 2 – Solidarity Project in the Community fejn il-Kunsill jidentifika ħames żgħażagħ li jmexxu programm għal sena immirat li jindirizza tema partikolari. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjoni hija l-1 ta' Ottubru 2025.

5.26.4. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li minħabba raġunijiet ta' żmien, is-suġġeriment tiegħu huwa li l-Kunsill imur għall-għażla numru 2 fejn jidentifika ħames żgħażagħ li jkunu lesti jmexxu programm speċifiku bit-tema pereżempju 'Homework Support'.

5.26.5. Is-Sindku G. Micallef qal li huwa jaqbel mal-Kunsillier J. Cauchi u l-Kunsill jista' jibda billi jagħmel sejħa għal żgħażagħ li jkunu interessati jikkolaboraw f'dan it-tip ta' proġett. Fil-fehma tiegħu, is-Sindku G. Micallef qal li għażla numru 1 nistgħu nżommuha f'moħħna għas-sena li ġejja.

5.26.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li l-Kunsillier J. Cauchi jagħmel kuntatt mal-EUPA u juri l-interess tal-Kunsill biex jieħu sehem fi proposta numru 1 peress li dan irid isir sal-ewwel ġimgħa ta' Ġunju 2025.

**5.27.1. Laqgħa dwar il-Festa ta' San Ġużepp fil-Manikata u l-Festa tal-Vitorja fil-Mellieħa (F/2/Vol VIII)**

5.27.2. Is-Sindku G. Micallef ippropona li l-laqgħa mal-għaqdiet lokali, il-Pulizija, il-LESA u Transport Malta dwar il-kordinament tal-Festa ta' San Ġużepp fil-Manikata u l-Festa tal-Vitorja fil-Mellieħa ssir fit-tieni ġimgħa ta' Lulju 2025.

5.27.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.28.1. It-Torri l-Abjad (A/6/7/1/Vol II)**

5.28.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva stedina mingħand Din l-Art Ħelwa għall-avveniment li ser isir fit-Torri l-Abjad nhar l-4 ta' Ġunju 2025.

5.28.3. Is-Sindku qal huwa ġie avviċinat mill-President ta' Din l-Art Ħelwa s-Sur Patrick Calleja li spjegalu li din l-attività qed issir sabiex l-istakeholders kollha jkunu jafu x'ħa jkun qed jiġi organizzat fit-Torri l-Abjad sabiex dan il-post jibda jintuża aktar u joħroġ il-potenzjal kollu tiegħu.

5.28.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.29.1. B*ins* għall-filters tas-sigaretti (L/5/Vol II**

5.29.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill ser jagħmel sejħa għall-kwotazzjonijiet sabiex jinxtaw numru ta' cigarette bins biex jitwaħħlu fuq is-Sur tal-Belveder, f'Misraħ il-Parroċċa, viċin il-Mużew tat-Tunnara u viċin il-bus stop fi Triq l-Għoljiet fost oħrajn. Dan bil-għan li l-Kunsill ikompli jżied ma' dawk li diġa' twaħħlu.

5.29.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.30.1. Mellieħa Netball School End of Season Event (S/4/2/Vol V) (S/6/Vol VI)**

5.30.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li fit-13 ta' Mejju 2025, il-Mellieħa Netball School kellhom l-End of Season Event fil-Park tal-Familja f'Selmun u għaliha attendew huwa flimkien mas-Sindku.

5.30.3. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li b'rabta ma' dan is-suġġett, il-Mellieħa Netball School għamlu talba lill-Kunsill sabiex possibiliment il-Kunsill jissieħeb magħhom fl-organizazzjoni ta' din l-attività..

5.30.4. Il-Kunsill iddeċieda li jissieħeb f'organizzazzjoni sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbiżx €285 fl-ispirtu tas-Sub-Artikli 33(o) u (s) tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363).

**5.31.1. Skema Espressjoni ta' Interess SPI.SCI.05.2025 – Espressjoni ta' Interess Finanzjament Karnival 2026 (F/1/7/Vol XI)**

5.31.2 Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-iskema msemmija u ppropona li l-Kunsill għandu jieħu sehem permezz ta' attivitá fil-jiem tal-Karnival tas-sena d-dieħla, proprju fil-ġurnata tal-Ħadd, 15 ta' Frar 2026.

5.31.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u awtorizza s-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq.

**5.32.1. Floodlighting madwar il-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa (P/4/31)**

5.32.2. Is-Sindku għarraf li ġie avviċinat mill-kuntrattur responsabbli mill-Manutenzjoni ta' Lampi tat-Toroq

dwar il-floodlighting li hemm fi Triq l-Inkurunazzjoni u mal-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa li qed jantiċipa l-fatt li l-life span tagħhom waslet biex tiskadi u jkun jeħtieġ li jinbidlu.

5.32.3. Is-Sindku qal li għal dan il-għan ser toħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għal Servizz ta' Inġinier sabiex l-Inġinier ikun jista' jipprepara d-disinn, l-ispecifications, il-Bill of Quanitities fost oħrajn sabiex jibda l-proċess neċessarju biex imbagħad tkun tista' toħroġ is-sejħa għall-offerti biex tinbidel il-floodlighting system sħiħa msemmija hawn fuq.

5.32.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.33.1. Sejħa għall-Offerti għal Servizzi ta' Perit

5.33.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill għandu jibda l-proċess sabiex tinħareġ sejħa għall-offerti għal Servizzi ta' Perit li jkun jista' jassisti lill-Kunsill partikolarment fir-rigward tal-proġetti tiegħu kif ġej:

(a) Architectural Works & Drawings;
(b) Preparation of Bill of Quantities;
(c) Planning Authority & Other Applications;
(d) Project Support & Site Assistance;
(e) Condition Reports.

5.33.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.34.1. Sejħa Biex Timtela' l-Pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali tal-Mellieħa

5.34.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf lill-membri preżenti li huwa rċieva imejl datat 14 ta' Mejju 2025 fejn ġie mgħarraf bl-eżitu tas-sejħa li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali għamel sabiex timtela' l-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill tal-Mellieħa.

5.34.3. Is-Sindku qal li fl-imejl huwa ġie mgħarraf li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali għamel l-intervisti lill-applikanti kollha li applikaw u li kienet l-ewwel fażi tal-proċess. Fil-każ tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa huwa għarraf li kien hemm ħames kandidati li għandhom il-kwalitajiet meħtieġa għall-irwol u li għażlu l-Mellieħa bħala preferenza.

5.34.4. Is-Sindku qal ukoll li fl-istess imejl kien hemm mehmuża l-proċeduri li jrid jimxi magħhom il-Kunsill sabiex jasal biex jaħtar is-Segretarju Eżekuttiv. Fost dawn hemm li l-Kunsill irid jaħtar Bord tal-Għazla li jrid jagħmel l-intervisti lil dawn il-ħames kandidati u wara jħejji rapport dwar dan il-proċess tat-tieni fażi.

5.34.5. Għal dan il-għan, is-Sindku G. Micallef ippropona li l-Bord tal-Għażla għandu jkun kompost minnu bħala Sindku u mill-Kunsilliera John Buttigieg u Emvin Bartolo.

5.34.6. Il-membri tal-Kunsill kollha qablu ma' din il-proposta u nnutaw it-tagħrif mogħti.

### 6.1.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

6.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 24 ta' Mejju 2025.

6.1.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn is-26 ta' April 2025 u l-24 ta' Mejju 2025

6.1.4. Tressqet ukoll l-iskeda tal-Petty Cash li tkopri bejn l-14 ta' Marzu 2025 u t-28 ta' April 2025.

6.1.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fl-10.30pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ġunju 2025 fil-5:30 pm.

Gabriel Micallef
**Sindku**

Marica Gambin
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**